Għażiż Parteċipant/a,

Din is-sena l-Parroċċa tagħna qiegħda torganizza kompetizzjoni tal-Presepji, Bambini u dekorazzjonijiet tal-Milied. Dawn ser isiru biex verament ngħixu u nuru anki bl-affarijiet li nagħmlu l-veru festa sabiħa tal-Milied, fejn niftakru li Ġesù twieled u sar Bniedem bħalna biex isalvana mid-dnub tagħna. Għalhekk b'dan il-ħsieb f'moħħna il-kriterji għar-rebħ tal-kompetizzjoni huma:

1. Il-Presepju u dekorazzjonijiet ikun fiċ-ċentru tal-armar tagħna fid-djar tagħna.
2. Il-Messaġġ Nisrani u t-tradizzjoni tal-Bambin fit-twieqi.
3. Il-Kreatività tal-persuna fix-xogħol tiegħu.
4. Il-Ħila fix-xogħol manwali li jkun sar.

Din il-kompetizzjoni hija miftuħa għal kulħadd, kemm għall-adulti u kemm għat-tfal. Għalhekk ser ikun hemm erba' kategoriji. Dawn huma:

**Kategorija A: Presepji tat-tfal sa (14) erbatax-il sena.**

**Kategorija B: Presepji tal-adulti minn (15) ħmistax-il sena 'l fuq.**

**Kategorija C: Tisjin tal-Bambin fit-tieqa.**

**Kategorija D: Dekorazzjonijiet *Hand made* tal-Milied**

Għal kull kategorija hemm kontribuzzjoni ta' €5.

Ser ikun hemm ġurija apposta li ser jieħdu ħsieb il-kompetizzjoni fejn jiġu biex jaraw il-presepju/i, Bambini u dekorazzjonijiet sabiex ikollna rebbieħ. Ir-Rebbieħ ta' kull kategorija ser jitħabbar b'mod uffiċċjali waqt il-quddiesa tat-8 a.m. nhar il-Milied fil-Bażilika.

Minn qalbna nawgurawlkom ħafna għal kompetizzjoni filwaqt li nawgurawlkkom il-Milied it-tajjeb lilkom u l-familji tagħkom.

Kunu mberkin,

Kan. Robin Camilleri
Arċipriet

---

Jien ____________________________________

li noqgħod _______________________________________________________________________
irrid nieħu sehem fil-kompetizzjoni: (immarka b'X il-kategorija tiegħek)

**Kategorija A: Presepji tat-tfal sa (14) erbatax-il sena.** ________

**Kategorija B: Presepji tal-adulti minn (15) ħmistax-il sena 'l fuq.** ________

**Kategorija C: Tisjin tal-Bambin fit-tieqa.** ________

**Kategorija D: Dekorazzjonijiet *Hand made* tal-Milied.** ________

U qed nagħti l-kontribuzzjoni ta' €5 għal kull kategorija li mmarkajt kompetizzjoni.

Tel: ___________________________ Mob: __________________________